18 ta' Novembru 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Carmela Debono *veruss* Carmelo Grech

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — Ħanut — Dar**

*Din is-sentenza stabbiliet il-prinċipju illi, meta l-Board tal-Kera jkun ġie għall-konklużjoni li fond huwa dar jew ħanut in bażi għal xi kwistjoni legali minnu diskussa u deċiża "expliciter" fis-sentenza li minnha jkun sar appell, dan l-appell huwa ammissibbli. Għall-kuntrarju, jekk il-Board ikun iddeċieda li fond hu dar jew hu ħanut in bażi għal sempliċi apprezzament ta' fatt, jew in bażi għas-sempliċi ispezzjoni tal-fond, bla ma jkun iddiskuta u ddeċieda ebda kwistjoni legali biex jasal għal dik il-konklużjoni, allura ma hemmx lok għall-appell. U mhux biżżejjed li s-soluzzjoni ta' xi pont legali tkun impliċita jew involuta, imma jeħtieġ li tkun imsemmija espressament fis-sentenza appellata.*

Il-Qorti; Rat ir-rikors quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, li bih l-attriċi talbet li jiġi fissat il-kera xieraq tal-fond nru. 3/4 St Anthony Street, Tarxien, u l-kondizzjonijiet l-oħra kollha;

Rat is-sentenza tal-Board tal-5 ta' Ġunju 1957, li biha ddeċieda li l-kera jkun £20 fis-sena, mill-ewwel skadenza ta' wara xahar min-notifika tar-rikors, jitħallas bit-tliet xhur bil-quddiem, riparazzjonijiet interni ordinarji għall-inkwilin, u ordna li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa; fuq l-uniku konsiderando illi mill-eżami tal-fond, li huwa prinċipalment ħanut, mill-membri tekniċi tal-Board, jirriżulta li hemm lok għall-awment;

Rat ir-rikors li bih il-konvenut Carmelo Grech appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li jiġi dikjarat li l-fond in kwistjoni hu dar, u mhux ħanut, u għalhekk dil-Qorti tordna r-rinviju ta' l-attijiet lill-Board tal-Kera sabiex jiġi fissat il-kera; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Għalkemm mis-sentenza ċitata in nota mill-appellant, u minn dik li għaliha hemm riferenza fl-istess sentenza hekk ċitata, kif ukoll mis-sentenza Vol. XXXVII-I-395, jista' jidher li ġiet kunsidrata bħala kwistjoni ta' dritt, "sic et simpliciter", dik jekk fond huwiex dar jew huwiex ħanut, eppure t-tendenza tal-ġurisprudenza reċenzjori f'dan il-materja ta' appellabbilità minn sentenzi tal-Board, avvolja sa issa mhux fuq dan il-pont speċifiku tan-natura ta' fond, hi fis-sens li jiġi ndagat mhux sempliċement x'kienet il-kwistjoni, imma jekk il-konklużjoni li għaliha wasal il-Board kienetx bażata fuq kwistjoni tal-liġi mill-Board diskussa u maqtugħa, jew fuq sempliċi apprezzament ta' fatt; f'liema każ ta' l-aħħar, is-sentenza ma hijiex appellabbli;

Għalhekk, din il-Qorti taħseb li għandu jiġi stabbilit il-prinċipju li, meta l-Board ikun ġie għall-konklużjoni li fond hu dar jew hu ħanut in bażi għal xi kwistjoni legali minnu diskussa u deċiża "expliciter" fis-sentenza li minnha sar l-appell, dan l-appell ikun ammissibbli. Għall-kuntrarju, jekk il-Board ikun iddeċieda li fond hu dar jew li hu ħanut, iżda in bażi għal sempliċi apprezzament ta' fatt, jew in bażi għas-sempliċi ispezzjoni tal-fond, bla ma jkun id-diskuta u ddeċieda ebda kwistjoni legali biex jasal għal dik il-konklużjoni, allura ma hemmx lok għall-appell. U mhux biżżejjed li s-soluzzjoni ta' xi pont legali tkun impliċita jew involuta, imma jeħtieġ li tkun imsemmija espressament fis-sentenza appellata;

Issa, f'dan il-każ, fl-uniku konsiderando tiegħu, il-Board qal hekk: — "Mill-eżami tal-fond, li huwa prinċipalment ħanut, jirriżulta li hemm lok għall-awment";

Ma hemmx, għalhekk, fis-sentenza, ħlief sempliċi konstatazzjoni li l-fond hu ħanut, mingħajr l-anqas indikazzjoni ta' diskussjoni u deċiżjoni ta' xi pont tal-liġi, jew xi interpretazzjoni legali, li serviet biex twassal il-Board għal dik il-konklużjoni;

Għalhekk l-eċċezzjoni ta' l-inappellabbilità hi fondata;

Kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, hemm lok għal tem-

perament, stante li f'din is-sentenza qegħda tiġi preċiżata għall-ewwel darba l-kwistjoni ta' l-inappellabbilità f'każijiet simili, u definita d-distinzjoni li għandha ssir, u stante l-fatt, għalhekk, li s-sentenzi fuq imsemmija setgħu talvolta nduċew lill-konvenut li jagħmel l-appell;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inappellabbilità, opposta mill-attriċi, tiddikjara l-appell irritu u null, u tordna li l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa, bid-dritt tar-Reġistru a kariku ta' l-appellant.